MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 362/2017 LM

**Carmen Micallef (K.I. 290771M) u Noel Micallef (K.I. 36069M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Noel Muscat fil-kwalità tiegħu bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi**
*('l-appellant')*
**u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li ġiet kjamata in kawża b'digriet tal-10 ta' April, 2018** *('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Noel Muscat fil-kwalità tiegħu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi**, hawnhekk 'il-Kunsill konvenut' jew 'l-appellant', minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'), tat-8 ta' April, 2021 (minn issa 'l quddiem 'is-sentenza

appellata'), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-kjamata fil-kawża **Awtorità għat-Trasport f'Malta**, u laqgħet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha, u għalhekk illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju; laqgħet it-talbiet attriċi biss fil-konfront tal-Kunsill konvenut billi ddikjaratu responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi **Carmen Micallef** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] fl-inċident li seħħ fil-15 ta' Diċembru, 2015 fejn hija weġġgħet; illikwidat id-danni sofferti mill-attriċi fl-ammont ta' €10,365.82; ikkundannat lill-Kunsill konvenut iħallas lill-atturi s-somma likwidata, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza; u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut safejn inkompatibbli mal-kumplament tas-sentenza. Il-Kunsill konvenut ħassu aggravat minn din is-sentenza, u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**<u>Fatti</u>**

2. L-atturi fetħu proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, fejn spjegaw li huma kienu qegħdin jitolbu li l-Kunsill konvenut iħallas id-danni li huma talbu li jiġu likwidati, liema danni jinkludu l-*lucrum cessans* u d-*damnum emergens*, konsegwenza ta' inċident li seħħ minħabba n-negliġenza tal-Kunsill konvenut u n-nuqqas ta' adempiment tal-obbligi tiegħu. Ġie spjegat li l-attriċi Carmen Micallef waqgħet u weġġgħet fil-15 ta' Diċembru, 2015 fi Triq Joseph Calleja, is-Swieqi, liema triq tħalliet żdingata, dilapidata u mhux mantenuta b'mod xieraq u skont il-liġi. L-atturi qalu li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill konvenut. L-attriċi spjegat li konsegwenza tal-inċident imsemmi hija sofriet ġrieħi ta' natura gravi, kif ukoll debilità permanenti. L-attriċi spjegat ukoll li apparti d-danni fuq il-persuna tagħha, hija sofriet ukoll telf ta' introjtu u

għamlet diversi spejjeż mediċi u spejjeż oħra għaliex għal diversi xhur hija spiċċat tiddependi fuq terzi, inkluż żewġha, li min-naħa tiegħu kellu jitlef diversi ġranet ta' xogħol sabiex jieħu ħsiebha. L-atturi spjegaw li huma interprellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnhom, iżda dawn baqgħu inadempjenti.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tat-talbiet tagħhom lill-Ewwel Qorti, l-atturi talbu li jiġi dikjarat li l-Kunsill konvenut huwa responsabbli għad-danni kkaġunati lilhom u dan minħabba negliġenza u/jew nuqqas tal-Kunsill konvenut, talbu li jiġu likwidati d-danni sofferti minnhom, liema danni jinkludu l-*lucrum cessans* u d-*damnum emergens,* u talbu wkoll li l-Kunsill konvenut jiġi kkundannat iħallas d-danni hekk likwidati.

4. Flimkien mar-rikors tagħhom, l-atturi ppreżentaw kopja taċ-ċertifikat rilaxxat minn Mr Jason Zammit (*Orthopaedic & Trauma Surgeon),* fejn jirriżulta li konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attriċi sofriet debilità permanenti ta' 7%. L-atturi ppreżentaw ukoll l-irċevuti tax-xiri ta' diversi mediċini, visti mediċi u spejjeż oħra li kellha tagħmel l-attriċi b'konsegwenza tal-inċident imsemmi.

5. Il-Kunsill konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li l-art fejn seħħ l-inċident ma taqax taħt ir-responsabbilità legali tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, u għalhekk il-Kunsill konvenut m'għandu l-ebda responsabbilità legali għall-akkadut. Ġie eċċepit ukoll li l-art fejn seħħ l-inċident ma tistax tiġi kkunsidrata bħala triq iffurmata skont il-liġi, iżda din l-art kienet intiża biex isir taraġ u mhux għal trejqa

mgħottija b'sifja rqiqa konkos mill-Awtorità tat-Trasport ta' Malta. Ingħad ukoll li l-inċident seħħ għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi minħabba negliġenza da parti tagħha, meta presumibbilment hija persuna midħla ta' dawn l-inħawi. Ġie eċċepit ukoll li fi kwalunkwe każ id-danni attwali u konsegwenzjali qed jiġu kkontestati.

6. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li ġiet kjamata in kawża b'digriet tal-10 ta' April, 2018, wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi f'din il-kawża għaliex it-triq in kwistjoni la hija triq arterjali u lanqas distributorja, u konsegwentement ma taqax taħt ir-responsabbilità tagħha.

7. Fix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi spjegat li dakinhar li seħħ l-inċident, kienet ħafna xita, u hija waqgħet f'ħofra waqt li kienet miexja. Spjegat li mal-waqgħa kisret saqajha u ħarġitilha l-għadma, tant hu hekk li wara ftit ħassha ħażin bl-uġigħ. Spjegat li kien hemm xi persuni li sejħu ambulanza, u saritilha operazzjoni fi ftit ħin wara li daħlet l-isptar. Qalet li għal xi żmien hija ma setgħetx timxi, u wara l-intervent li sarilha, saqajha ma baqgħetx l-istess, u hemm xi attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum li sabiex tagħmilhom hija tiddependi minn ħaddieħor. L-attriċi qalet li hija kienet għaddiet minn din it-triq drabi oħra, u spjegat li t-triq mhijiex fi stat tajjeb, tant hu hekk li l-wiċċ tagħha huwa miksi biż-żrar. L-attriċi qalet li t-triq għadha mingħajr bankina, u qalet ukoll li m'hemm l-ebda aċċess ieħor għar-residenti ta' din it-triq, għajr għal passaġġ privat li l-pubbliku ma jistax jgħaddi minnu. Qalet ukoll li l-ħofra fit-triq li hija waqgħet fiha kienet mimlija bl-ilma u kien għalhekk li hija ma ndunatx biha.

8. Ir-raġel tal-attriċi, **Noel Micallef**, qal li wara l-inċident il-ħajja fil-familja tagħhom inbidlet, u spiċċaw kellhom iġibu l-għajnuna d-dar bi ħlas għaliex

martu ma setgħet tagħmel xejn waħedha. Qal ukoll li qabel l-inċident martu kienet taħdem bħala *housekeeper,* imma wara l-inċident kien hemm min waqqaf lil martu mix-xogħol għaliex saħħitha m'għadhiex li kienet.

9. **Mr Jason Zammit** fix-xhieda tiegħu qal li l-attriċi hija pazjenta tiegħu, u kien hu li ċċertifika li qegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 7% minħabba fil-ksur li sofriet f'diversi partijiet ta' saqajha.

10. **Hugh Zammit**, li fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, qal li t-triq fejn seħħ l-inċident mhijiex triq iffurmata, iżda saret mis-sidien tal-proprjetajiet li bnew fl-inħawi. Qal li t-triq in kwistjoni hija niżla u l-awtoritajiet għadhom sallum ma jafux jekk għandhiex issir triq jew taraġ. Spjega li l-wiċċ tat-triq ġie ffurmat sabiex l-iżviluppaturi tal-proprjetajiet setgħu jagħmlu użu mit-triq pubblika, u wara li tlesta l-bini tad-djar, l-Awtorità dwar it-Trasport kienet tat kisja konkrit fil-wiċċ tat-triq biex din tiġi lixxa. Ix-xhud qal li t-triq hija waħda wieqfa ħafna, u għalhekk kien hemm drabi meta huwa stess kien jikkomunika mal-awtoritajiet sabiex jara jekk din kinitx ser issir taraġ. Ix-xhud qal li huwa jaf bl-inċident li kellha l-attriċi, u l-pożizzjoni li ħa l-Kunsill Lokali dejjem kienet li huwa ma kellux jinżamm responsabbli għaliex it-triq taqa' taħt ir-responsabbilità ta' Transport Malta. Qal ukoll li meta ssir triq l-ewwel xogħol isir mill-Gvern Ċentrali, u wara li l-Gvern Ċentrali jlesti t-tarmak, il-manutenzjoni tat-triq taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali. Qal li t-triq imsemmija għadha mhijiex asfaltata, u la tista titqies li hija triq arterjali u lanqas triq distributorja għaliex hija triq żgħira ħafna, li minn Triq il-Ġiżimin tagħti għal Triq Josef Calleja. Ix-xhud qal li t-triq in kwistjoni tinsab fi stat ħażin u mhijiex mantnuta. Qal ukoll li l-ewwel servizzi fi triq

normalment isiru minn Transport Malta, u huwa wara li t-triq tibda taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li fi Frar tal-2012 huwa kien kiteb lil Transport Malta, u kien ġie infurmat li x-xogħol fuq Triq Josef Kalleja kellu jibda f'Marzu tal-istess sena. Żied jgħid li l-Kunsill Lokali dejjem insista li din it-triq għandha tibqa' triq u mhux issir taraġ, għaliex inkella mhux ser ikun hemm aċċess għas-Swieqi minn ġo fiha. Ix-xhud qal ukoll li huwa għamel diversi snin jikkorrispondi ma' Transport Malta sabiex jara din it-triq meta ser titlesta, u qal ukoll li r-responsabbilità ta' toroq ġodda hija tal-Gvern Ċentrali.

11. Il-**Perit David Vassallo**, fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, qal li Triq Josef Kalleja hija triq twila ħafna li tibda min-naħa ta' San Ġiljan fejn taħt il-pont, u tibqa' sejra lejn is-Swieqi. Spjega li f'partijiet minnha t-triq hija skemata bħala taraġ, inkluż il-parti tat-triq li tingħaqad ma' Triq il-Ġiżimin. Ix-xhud qal illi minkejja li l-Awtorità tal-Ippjanar skemat din il-parti tat-triq bħala taraġ, kien hemm oġġezzjoni għal dan kemm mir-residenti tal-inħawi, kif ukoll mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi. Qal li Infrastructure Malta trid timxi skont il-Pjan Lokali maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, u f'każ li r-residenti jew il-Kunsill Lokali jridu li dik il-parti tat-triq ma tibqax skemata bħala taraġ, huma jridu japplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar.

12. **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed quddiem l-Ewwel Qorti li hemm tliet skemi li huma applikabbli għat-triq in kwistjoni, u kkonferma li fil-preżent hemm taraġ skemat. Ix-xhud ippreżenta lista b'kull applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità fir-rigward tal-pjanti, bid-

dettalji ta' kull applikant u l-proposti li tressqu. Qal ukoll li mhux kompitu tal-Awtorità tal-Ippjanar li tiskeda t-toroq bħala arterjali jew residenzjali.

13. **Joseph Tabone** in rappreżentanza tad-Direttur tal-Gvern Lokali, xehed quddiem l-Ewwel Qorti li minn tagħrif li għandu d-Dipartiment, it-triq in kwistjoni hija klassifikata bħala triq residenzjali, u t-toroq residenzjali jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali. Qal ukoll li din il-klassifika toħroġ minn informazzjoni li ngħatatlu minn Transport Malta.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

14. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, filwaqt li laqgħet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha u lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju; laqgħet it-talbiet tal-atturi biss fil-konfront tal-Kunsill konvenut u ddikjaratu responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fl-inċident li seħħ fil-15 ta' Diċembru, 2015 li fih weġġgħet l-attriċi Carmen Micallef; illikwidat id-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' €10,365.82, u kkundannat lill-Kunsill konvenut iħallas lill-atturi dawn id-danni, bl-imgħax mid-data tas-sentenza, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut safejn inkompatibbli mad-deċiżjoni, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Illi rinfaċċjata bil-pożizzjonijiet kontradittorji vantati mill-Kunsill konvenut u mill-Awtorità kjamata fil-kawża dwar ir-responsabbilità legali għall-manutenzjoni tat-triq in diżamina, il-Qorti jeħtiġilha qabel xejn tistabbilixxi min miż-żewġ imħarrkin għandu jerfa' l-obbligu legali għall-manutenzjoni ta' din il-parti minn Triq Josef Kalleja.*

*Iż-żewġ imħarrkin jaqblu illi t-triq in kwistjoni mhijiex triq arterjali u lanqas ma hija triq distributorja. Madanakollu, il-Kunsill konvenut isostni li peress li l-Gvern Lokali mhuwiex responsabbli għall-kostruzzjoni u formazzjoni tat-toroq iżda huwa responsabbli biss għall-manutenzjoni tagħhom, it-triq in diżamina ma tistax taqa' fil-kompetenza tagħha għaliex la hija ffurmata u lanqas asfaltata.*

*Is-segwenti huma d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499) li kienu viġenti fiż-żmien tal-inċident mertu ta' din il-kawża, ċioe f'Diċembru 2015:-*

"L-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u t-trasport stradali:
...
(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:

Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbilità ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbilità, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:

Iżda wkoll, meta triq tkun se tiġi ffurmata minn xi persuna skont xi liġi oħra, ma tkunx il-funzjoni tal-Awtorità li tifforma dik it-triq. *(fn. 4 Artikolu 7 tal-Kap. 499)*"

*It-toroq li skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-manutenzjoni tagħhom kienet taqa' taħt ir-responsabbilità ta' Kunsill Lokali fiż-żmien tal-inċident, kienu dawk imfissra fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kap. 363:-*

"Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun fis-seħħ, il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jkunu:-

(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata:

Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha."
...
Toroq arterjali u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura … stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-

Gvern u huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsill Lokali. (*fn. 5 Ir-Raba' Skeda ta' dan l-Att teskludi mir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali it-*"toroq arterjali u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali.")

*Minn eżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet legali kif viġenti fiż-żmien tal-inċident in diżamina, jirriżulta li fost il-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità kellha tieħu ħsieb il-kostruzzjoni tat-toroq pubbliċi kollha – sija dawk arterjali u distributorji u wkoll kull triq li tkun fi stadju ta' ippjanar jew ta' kostruzzjoni – iżda ma kienx jirrientra fost il-funzjonijiet tagħha l-obbligu tal-manutenzjoni tat-toroq li ma jkunux klassifikati bħala toroq arterjali jew distributorji. Dan għaliex il-Kap. 363 jagħmilha ċara li l-obbligu ta' manutenzjoni tat-toroq pubbliċi li ma jkunux toroq arterjali jew distributorji, huwa tal-Kunsill Lokali sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim mod ieħor bejn il-Kunsill u l-Awtorità fir-rigward ta' xi triq lokali partikolari.*

*Issa mill-provi jirriżulta illi skont is-sistema ta' klassifika miżmuma mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Triq Josef Kalleja fis-Swieqi* ***hija meqjusa bħala triq residenzjali għaliex taqa' fil-kategorija*** **"other urban"** ***u mhux fil-kategorija ta' triq arterjali*** *(fn. 6 Dok. JT1). Għall-Qorti din hija prova sufficjenti li t-triq in diżamina mhijiex klassifikata mill-Awtorità bħala waħda arterjali jew distributorja u konsegwentement, il-kompetenza għall-manutenzjoni tagħha, in linea mad-dispożizzjonijiet legali in forza fil-15 ta' Diċembru, 2015, taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali tas-Swieqi.*

*Għalkemm dan ifisser li l-Awtorità mhijiex responsabbli għall-manutenzjoni ta' Triq Josef Kalleja, kif ingħad iktar qabel, il-kostruzzjoni tat-toroq pubbliċi kollha, irrispettivament minn jekk it-triq hijiex arterjali jew distributorja, tispetta lill-Awtorità. Fl-istess waqt iżda, it-titjib u l-manutenzjoni tagħhom, ġaladarba kostruwiti, għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali proprju skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fuq ċitat. Tant hu hekk illi dak iż-żmien, l-Avviż Legali 29 tal-2010 fir-regolament 3(1), kien jipprovdi hekk:-*

3. (1) L-Awtorità għandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriża, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-ġdid, twessiegħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġjar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq: Iżda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

*Il-Kunsill jargomenta li peress li t-triq in diżamina ma hijiex uffiċjalment iffurmata, dan ma jaqax fir-responsabbilità tiegħu għaliex filwaqt li l-obbligu tiegħu ta' manutenzjoni*

*jiskatta ġaladarba t-triq tkun ġiet kostruwita, il-kostruzzjoni tat-toroq inkluż it-toroq lokali, ma tirrientrax fil-funzjonijiet jew obbligi legali tiegħu. Dan huwa minnu iżda l-Qorti ma taqbilx illi fil-każ in diżamina, Triq Josef Kalleja kienet għadha mhux kostruwita.*

*Fir-rigward, jiġi osservat illi t-triq in diżamina, għalkemm ma kinitx għadha ingħatat wiċċ ta' asfalt, kienet triq eżistenti u kienet miftuħa għall-passaġġ ta' vetturi u persuni.* ***Kemm hu hekk, hija indikata fil-pjanti esebiti mill-Perit li kien responsabbli għall-implimentazzjoni ta' bini ta' toroq residenzjali u manuntenzjoni fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta*** *(fn. 7 Il-Perit David Vassallo (dok. DV1) u kienet ġiet ukoll skemata bħala taraġ mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-Pjan Lokali tal-2006 (dok. OM1).*

*B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali fuq ċitati, dan ifisser illi din il-parti ta' Triq Josef Kalleya, ġialadarba kienet diġà żviluppata u ffurmata, ma tistax titqies li kienet qed tistenna li tiġi kostruwita mill-Awtorità. Dak li jirriżulta li kien jeħtiġilha ssir huwa wiċċ ta' asfalt skont kif jirriżulta mill-ittra a fol. 122. Issa kif rajna, l-Artikolu 33(1)(a) tal-Kap. 363 jipprovdi illi* ***l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq li taqa' fir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali, tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha.*** *Konformement, hija l-fehma tal-Qorti illi l-obbligu tal-asfaltar tat-triq in kwistjoni kien jinkombi fuq il-Kunsill Lokali ġialadarba mill-provi jirriżulta li t-triq kienet diġà ffurmata. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha anke wara li kkunsidrat li mhemm xejn fil-liġi li jeħtieġ illi biex jiskatta l-obbligu fuq il-Kunsill li jagħti wiċċ ta' asfalt lil xi triq, din it-triq bilfors trid tkun waħda li ġiet kostruwita mill-awtorità purche, naturalment, ma tkunx triq privata.*

*Jirriżulta mill-ittra tas-17 ta' Lulju, 2012 (fn. 8 fol. 122) illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet, f'dan il-każ, impenjat ruħha li tagħti hija stess wiċċ ta' asfalt lit-toroq residenzjali "*li qatt ma saru*" u kienet effettivament diġà asfaltat partijiet oħrajn minn Triq Josef Kalleya u toroq oħrajn fl-akkwati. Mill-provi l-Qorti fehmet illi l-asfaltar tat-triq in kwistjoni baqgħet qatt ma saret għaliex filwaqt li din kienet skemata fil-Pjan Lokali tal-2007 biex tinbena triq bħala taraġ, il-Kunsill Lokali konvenut, għan-nom tar-residenti tat-triq in diżamina, kien talab li din ma tinbeniex bħala taraġ imma tiġi kostruwita bħala triq bl-asfalt. Fir-rigward, il-Perit David Vassallo xehed illi l-Awtorità kienet lesta biex tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa f'din it-triq, iżda ma kinitx kompliet bl-interventi tagħha għaliex meta waslet biex tibda x-xogħlijiet, ġiet imwaqqfa mill-Kunsill Lokali. Jirriżulta wkolll illi għalkemm effettivament kienet ġiet sottomessa applikazzjoni minn ċertu Joe Attard (PC26/2009) biex it-taraġ skemat jitneħħa u jiġi sostitwit bi triq, din l-applikazzjoni jidher li ġiet miċħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar*

*għaliex il-parti tat-triq in kwistjoni għadha sal-lum tidher li hija skemata bħala taraġ (fn. 9 Ara xhieda ta' Oliver Magro, 7 ta' Jannar, 2020 u Dok. OM2).*

*Huwa minnu li kif rajna, fil-każ in diżamina l-Awtorità impenjat ruħha li tagħti wiċċ ta' asfalt lil dawk it-toroq residenzjali li jaqgħu fir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u li qatt ma ġew mogħtija wiċċ. Iżda fil-fehma tal-Qorti* ***dan ma jfissirx li l-Awtorità aċċettat li tintervjeni fil-manutenzjoni tat-triq*** *u għalhekk, ġaladarba ma assumiet l-ebda responsabbilità ħlief li tiżviluppa t-triq skont l-iskemar stabbilit fil-Pjan Lokali – liema skemar kien qed jiġi oppost attivament mir-residenti u mill-Kunsill konvenut – ma tistax tiġi meqjusa li għandha wkoll responsabbilità li sakemm issir it-triq, iżżommha fi stat tajjeb flimkien ma' jew minflok il-Kunsill Lokali. Fil-fatt, mill-provi* ***ma jirriżultax illi sar xi ftehim li permezz tiegħu l-Awtorità assumiet xi responsabbilità għall-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni, la qabel tibda bix-xogħlijiet u lanqas wara li din tiġi debitament asfaltata.***

*Il-Qorti ma tqisx illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Awtorità kellha obbligu skont il-liġi, jew li kienet assumiet xi obbligu, li twettaq il-manutenzjoni tat-triq in diżamina sakemm effettivament l-istess triq tiġi asfaltata jew jiġi ffurmat it-taraġ skemat fil-Pjan Lokali,* multo magis *meta jirriżulta li x-xogħlijiet proġettati baqgħu ma sarux fuq talba tal-Kunsill konvenut innifsu. Il-Qorti tqis li sakemm it-triq in kwistjoni – bħala triq li hija klassifikata mill-Awtorità bħala triq residenzjali – ma tingħatx wiċċ tal-asfalt jew tiġi żviluppata bħala taraġ, il-Kunsill Lokali ma jistax jiġi eżonerat mir-responsabbilità għall-manutenzjoni tagħha ġialadarba kif rajna l-obbligu tiegħu tal-manutenzjoni, skont kif imfisser fl-Artikolu 33 tal-Kap. 363, jinkludi l-kisi u l-asfaltar tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu. Lanqas jista' l-fatt li l-Kunsill qatt ma wettaq manutenzjoni tat-toroq jeżonerah, ġialdarba jidher li t-triq għadha sal-lum ma ġietx ikklassifikata bħala triq distributorja jew arterjali (fn. 10 Ara* ***GasanMamo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Naxxar et****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inf. 5 ta' Frar, 2016).*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-responsabbilità għall-manutenzjoni tat-triq residenzjali in diżamina kienet, fiż-żmien tal-inċident li fih weġġgħet l-attriċi, esklussivament tal-Kunsill Lokali għaliex kif ġie stabbilit, l-Awtorità kienet għadha ma bdietx l-intervent tagħha fl-iżvilupp tal-wiċċ tat-triq u f'kull każ, din it-triq, li ma ġietx kostruwita mill-Awtorità, mhijiex inkluża fil-kategoriji ta' toroq li l-manutenzjoni tagħhom tispetta lill-istess Awtorità.*

*Għaldaqstant, l-Awtorità msejħa fil-kawża mhijiex l-entità responsabbli għat-triq in kwistjoni għaliex, sakemm beda xi intervent da parti tal-Awtorità fl-asfaltar jew żvilupp tat-triq in kwistjoni, ir-responsabbilità għall-manutenzjoni tagħha kienet taqa' unikament fir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali.*

*Ikkunsidrat;*

*Dan premess u stabbilit, il-Qorti, f'kull każ, trid tistabbilixxi ulterjorment jekk ir-responsabbilità għall-inċident li fih weġġgħet l-attriċi u għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali reklamati f'din il-kawża, tistax tiġi attribwita lill-Kunsill konvenut. Għal dan il-fini l-Qorti trid tkun konvinta li d-danni reklamati mill-atturi ġewx sofferti minħabba xi għemil jew ommissjoni kolpuża tal-Kunsill konvenut u li jeżisti ness ċar ta' kawżalità bejn l-għemil jew ommissjoni kolpuża u d-danni hekk sofferti.*

*Din hija azzjoni ta' danni li biha l-atturi qegħdin jirreklamaw il-ħlas tad-danni li ġew sofferti u li huma, allegatament, konsegwenzjali għal nuqqas ta' tiswija ta' triq pubblika fejn il-manutenzjoni evidentement kellha ssir minn awtorità pubblika jew enti governattiva. Ir-rimedju li qed ifittxu l-atturi huwa dak li jitnissel mhux mir-rabta kuntrattwali iżda mid-delitt jew kważi-delitt li jorbot lil kull persuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bl-għemil (jew nuqqas ta' għemil) tagħha (fn. 11 Art. 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili). Din ir-regola ġenerali torbot ukoll lill-Gvern jew entitajiet pubbliċi bl-istess mod li jorbot persuni privati u dan skont ġurisprudenza ormai paċifika in materja:-*

*"*Hu prinċipju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili." (*fn. 12* ***Hugh P. Zammit v. Direttur tat-Toroq et****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23.1.2004.*

*Dan il-prinċipju ġie riaffermat ripetutament-*

"Ir-regoli tal-liġi li torbot ir-responsabbilità tal-ħsara ma' min iwettaqha tgħodd għall-Gvern jew entitajiet pubbliċi ukoll, għaliex hija regola ta' applikazzjoni ġenerika (App. Ċiv. 28.2.01 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet). Għalhekk, jgħoddu għalihom l-istess regoli tal-liġi li japplikaw għall-għamil privat li jwassal fi ħsara lil ħaddieħor, fosthom ukoll l-istess regoli li jeħilsu lil ħaddieħor mir-responsabbilità għal għemilu jew nuqqasijietu. (P.A. 3.10.53 fil-kawża fl-ismijiet Xuereb vs Micallef noe et Kollez. Vol. XXXV 11.ii.753)" (*fn. 13 11.4.2007 Qorti tal-Maġistrati (Malta) –* ***Joseph Saliba v. Sindku, Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar et.*** *Ara wkoll: "*Ta' importanza, imbagħad, tibqa' treġi f'materja ta' responsabbilità, sija

Aquiliana jew kontrattwali, id-duttrina prevalenti in riferenza għan-ness ta' kawżalità, ossija dik tar-rapport li jorbot il-kondotta tal-persuna mal-event dannuż. Dan kif illustrat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, sede ċivili, tas-6 ta' Frar, 1928 in re: "Giovanni Sare – vs – Carmelo Farrugia et". Fiha jingħad illi "perche possa una persona ritenersi responsabile pei danni fa mestiere che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'ommissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istanti"; " 526/2003 – Appell Inferjuri)

*Illi kif ġia ngħad, il-Qorti trid tkun konvinta li l-ħsara tkun ġiet imġarrba minħabba l-eżistenza ta' kolpa fil-konvenut, u f'każ affermattiv, li jkun jeżisti ness ċar ta' kawżalità bejn l-għemil jew l-ommissjoni kolpuża tal-konvenut u d-danni sofferti. L-atturi f'dan il-każ jasserixxu illi l-kolpa tinsab fin-nuqqas ta' żamma fi stat tajjeb u nuqqas ta' tiswija ta' dik il-parti tat-triq fejn waqgħet l-attriċi.*

*Effettivament, ma jirriżultax illi l-istat ħażin tat-triq in kwistjoni u l-eżistenza tal-ħofra huma kontestati mill-imħarrkin u l-Qorti fehmet ukoll li hemm qbil dwar il-kawża tal-event dannuż li effettivament ta lok għall-pretensjoni tal-atturi għall-ħlas tad-danni. Il-konvenuti iżda, jiċħdu li kien hemm xi ommissjoni kolpuża da parti tagħhom li wassal għall-event dannuż.*

*Mill-provi li tressqu fil-każ in diżamina, jirriżulta illi l-parti ta' Triq Josef Kalleja fejn waqgħet l-attriċi, mhijiex asfaltata u l-wiċċ tat-triq jikkonsisti f'ħamrija u żrar. L-istat tat-triq jidher fir-ritratt a folio 121 tal-atti. L-attriċi xehdet illi hija kisret sieqha meta waqgħet ġo ħofra fi Triq Josef Kalleja, liema ħofra ma kinitx tidher għaliex kienet mimlija bl-ilma peress li dakinhar kienet nieżla x-xita.*

*Il-Qorti tqis illi l-Kunsill konvenut – li huwa l-Kunsill tal-lokal fejn seħħ l-inċident – kien fid-dmir illi jassikura illi din il-parti tat-triq, ġialadarba kienet klassifikata bħala triq residenzjali u kienet miftuħa għall-passaġġ tal-pubbliku, tinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li ma ġġibx għall-utenti l-estremi ta' sitwazzjoni ta' perikolu bħalma del resto ġabet lill-attriċi. Ċertament, il-ħofra li fiha waqgħet l-attriċi u kisret sieqha, kellha* de minimis, *timtela biex ma tibqax tippreżenta l-perikolu li effettivament ippreżenta lill-utenti tat-triq. Tqis ukoll biex il-Kunsill jista' jitqies li jkun wettaq id-doveri legali tiegħu ta' manutenzjoni tat-toroq li jaqgħu fil-konfini tal-lokal taħt ir-responsabbilità tiegħu, kellu jieħu ħsieb li jsewwi t-toroq in diżamina b'kull mod li jkun biex jiġi assigurat li din ma tiżviluppax ħofor u perikoli oħrajn għall-utenti, vetturi kif ukoll pedoni.*

*Wara kollox, l-Avviż Legali 29 tal-2010 (fn. 14 Regolamenti tal-2010 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq), qabel dan ġie sostitwit bl-Avviż Legali 291 tal-2018, kien*

*jipprovdi fir-Regolament 2, illi "*manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser azzjonijiet li jittieħdu **fuq bażi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinżammu fi stat sigur u tajjeb għall-użu,** azzjonijiet li jittieħdu biex fejn possibbli triq ma titħalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittieħdu biex il-wiċċ ta' triq u l-ġnub tagħha jinġiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, iżda mhijiex limitata għall-**mili ta' ħofor ...** " (*fn. 15 L-istess Avviż Legali kien jiddefinixxi t-terminu* "triq lokali" *bħala triq pubblika li ma tkunx triq arterjali jew triq distributorja; filwaqt li* "triq pubblika" *tfisser triq li l-awtorità jew Kunsill Lokali għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħha).*

*Il-liġi fl-imsemmi Avviż Legali ma tagħmilx distinzjoni bejn toroq li huma asfaltati u dawk li huma ġodda li ma jkunux għadhom ingħataw wiċċ ta' asfalt u huwa manifest li fejn triq partikolari taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill jew tal-Awtorità u tkun miftuħa għall-użu pubbliku,* ***l-entità responsabbli għandha f'kull każ, tassigura li din tiżamm fi stat sigur u tajba għall-użu, anke jekk it-triq tkun waħda li għadha ma ġiet qatt asfaltata.***

*F'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tqis illi oġġettivament, in-ness kawżali bejn in-nuqqas tal-Kunsill li jtwettaq l-obbligu tiegħu li jżomm it-triq in diżamina (bħala triq pubblika li taqa' fil-konfini tal-lokalità tiegħu) fi stat sigur għall-utenti tajjeb ta' manutenzjoni billi, inter alia, jieħu ħsieb il-mili tal-ħofor, u l-waqgħa tal-attriċi fil-ħofra bil-konsegwenti danni minnha sofferti, huwa manifest u l-Qorti m'għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi illi l-kondotta jew aħjar, l-imġiba ommissiva tal-Kunsill konvenut kienet il-kawża prossima tal-inċident li fih weġġgħet l-istess attriċi. Għaldaqstant, il-Kunsill konvenut għandu jerfa' r-responsabbilità għall-ħsarat li ġarrbet bħala riżultat tal-event dannuż.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-Kunsill konvenut eċċepixxa b'mod sussidjarju illi l-imġiba tal-attriċi hija riskontrabbli negliġenza kontributorja li għandha f'kull każ twassal għal mitigazzjoni fir-responsabbilità li tista' tiġi attribwita lilu. Il-Kunsill jibbaża din l-asserzjoni tiegħu fuq il-fatt illi l-attriċi stess stqarret fix-xhieda tagħha li hija kienet konxja tal-istat ħażin tat-triq in diżamina iżda minkejja dan, xorta għażlet li tgħaddi minnha bil-mixi.*

*In propositu tal-kunċett tan-negliġenza kontributorja, ingħad:-*

"Illi l-liġi trid li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-

rigward, mhemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha." (*fn. 16* ***GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Kirkop et****, deċiża Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 28.1.2016).*

*Fix-xhieda tagħha l-attriċi affermat illi hija ġieli għaddiet mill-parti tat-triq in diżamina: minn dan huwa stabbilit illi hija kienet konsapevoli dwar l-istat ħażin tat-triq. Iżda l-attriċi qalet ukoll li hija ma setgħetx tgħaddi ħlief minn din it-triq għaliex it-trejqa l-oħra li hemm fl-akwati b'aċċess għal Triq Josef Kalleya, hija waħda privata li mhux aperta għall-passaġġ tal-pubbliku.*

*In linea ta' prinċipju ġenerali, il-kontributorjetà tkun ravviżabbli fejn persuna tonqos milli tħares xi obbligu jew rabta imposta mil-liġi u dan b'mod volontarju:* volenti non fit iniuria. *Il-ġurisprudenza in materja tgħallem illi din id-difiża tirnexxi jekk l-eċċipjent tipprova li d-danneġġjat volontarjament aċċetta li jagħmel xi ħaġa li esponietu għal xi riskju meta kien pjenament konxju tax-xorta tar-riskji marbutin ma' dak l-għemil (fn. 17 – Ara fir-rigward:* ***Kevin Zammit vs Maltapost p.l.c. –*** *Prim'Awla, deċiża 31.5.2011).*

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa minnu li jirriżulta li l-attriċi kienet konsapevoli dwar l-istat tat-triq in kwistjoni u xorta waħda għaddiet minnha bil-mixi fix-xita, minkejja illi l-viżibbilità tagħha tat-triq kienet limitata. Iżda, meħud qies taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ma tirravviżax b'daqshekk, kondotta da parti tal-attriċi li tista' titqies li hija kontributorja għall-fatt li waqgħet ġo ħofra li kienet mimlija bl-ilma. Wara kollox, it-triq hija waħda residenzjali li sservi lir-residenti li joqogħdu fid-djar f'dik l-istess triq u ma jagħmel ebda sens li l-Kunsill konvenut jistenna lin-nies tal-lokal ma jgħaddux minn triq residenzjali li hija miftuħa għall-pubbliku. Tistenna, minflok, li l-Kunsill konvenut ikun ħa ħsieb li jitneħħew jew talanqas jiġu minimizzati l-perikoli għall-utenti, inkluż billi jimtlew il-ħofor u jqiegħed senjaletika idonea biex iwissi lill-pubbliku dwar ir-riskji tat-triq, anzicche' jistenna li l-pubbliku ma jgħaddix minn dik it-triq. Iżda manifestement, il-Kunsill konvenut naqas milli jagħmel dan u huwa tabilħaqq f'dan in-nuqqas li l-Qorti tirravviża l-ommissjoni kolpuża li hija l-unika legam kawżali li jista' jintrabat mal-event dannuż li fih weġġgħet l-attriċi. Il-fatt innifsu li l-attriċi għaddiet mit-triq in kwistjoni li hija miftuħa bħala passaġġ pubbliku*

*b'aċċess għal toroq oħrajn fil-lokal, ma jista' qatt jitqies li huwa element kontibutorju għas-sinistru.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li l-event dannuż jista' jkun attribwibbli lill-fatt waħdu li l-attriċi għaddiet minn din it-triq jew li waqgħet ġo ħofra li ma kinitx faċilment identifikabbli, u hija l-fehma tagħha li l-event dannuż in diżamina huwa attribwibbli unikament lin-nuqqas tal-konvenut milli jżomm it-triq in diżamina li taqa' fil-konfini tar-responsabbilità tiegħu, fi stat ta' tiswija tajba biex jiġi assigurat il-passaġġ sikur tal-utenti tiegħu.*

***Danni***

*L-atturi jsostnu illi huma sofrew id-danni bħala konsegwenza tal-inċident li fih weġġgħet l-attriċi, liema danni jikkonsistu fil-ħlas ta' diversi spejjeż marbutin mal-ġrieħi li ġarrbet l-istess attriċi f'sieqha, fosthom spejjeż għall-*injections *u mediċini li kienet tixtri kif ukoll għall-konsultazzjonijiet ma' tobba ġewwa l-Isptar Da Vinci Health Hospital u Saint James Hospital. L-atturi jsostnu wkoll illi huma sofrew danni konsistenti f'*lucrum cessans *u dan bħala riżultat tal-fatt illi l-attriċi sofriet minn diżabilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%) bħala riżultat tal-inċident.*

- ***Damnum Emergens***

*Fil-likwidazzjoni tad-danni attwali l-Qorti ġeneralment tieħu in konsiderazzjoni dawk l-ispejjeż mediċi u spejjeż anċillari li d-danneġġjat ikun attwalment nefaq bħala konsegwenza tal-akkadut. Taħt dan il-kap id-danneġġjat jingħata riżarċiment ukoll ta' dak it-telf attwali ta' introjtu li hu jkun sofra bħala riżultat dirett tal-istess akkadut.*

*Il-Qorti rat l-atti u rat id-diversi fotokopji informali ta' riċevuti esebiti mill-atturi – uħud minnhom mhux leġibbli – mingħajr ebda spjega kwalsiasi ta' xhiex jirrappreżentaw ħlief id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi li dawn huma kollha riċevuti ta' pilloli u mediċini li kienet tixtri in konnessjoni mal-ġrieħi li ġarrbet f'dan l-inċident u irċevuti ta' konsultazzjonijiet ma' tobba. Eżaminati r-riċevuti esebiti, tqis illi fir-rigward ta' wħud mill-mediċini li jidher li nxtraw, ma jirriżultax li dawn huma konnessi ma' ksur fis-saqajn jew b'xi mod ieħor mar-rikoveru tal-attriċi. Għalkemm huwa minnu li r-riċevuti esebiti jirreferu għal żmien sussegwenti għall-inċident, il-Qorti mhijiex konvinta illi dawn ilkoll jissodisfaw il-prova għall-fini ta' likwidazzjoni ta'* damnum emergens. *Effettivament, ġew esebiti diversi riċevuti minn spiżeriji li lanqas jindikaw l-isem jew ix-xorta tal-oġġett li nxtara. Il-Qorti kienet tistenna,* de minimis, *li l-atturi jfissru b'mod preċiż u speċifiku l-oġġetti li effettivament inxtraw – li tagħhom qed jirreklamaw il-ħlas – u li jintwera wkoll in-ness bejn dawn l-ispejjeż u l-inċident in diżamina.*

*Il-Qorti stenniet ukoll li l-atturi jħejju prospett ċar u dettaljat b'elenku u tifsira tal-ispejjeż murija fir-riċevuti esebiti u bit-total ta' dawn l-ispejjeż, mhux li jitfgħu kollox ħabba gozz fl-atti u tistenna li tkun il-Qorti li toqgħod tgħodd il-prezzijiet indikati fl-irċevuti – uħud minnhom illeġibbli – u tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ġenerika tal-attriċi li dawn għandhom x'jaqsmu mal-ispejjeż li kellha tħallas bħala riżultat tal-ksur, rikoveru u rijabilitazzjoni ta' sieqha minħabba l-inċident.*

*Wieħed ma jridx jinsa lanqas illi l-konvenut jikkontesta speċifikament li l-ispejjeż tal-irċevuti huma konnessi mal-ġrieħi sofferti mill-attriċi fl-inċident in diżamina (fn. 18 Ara risposta tal-Kunsill konvenut tal-25 ta' Jannar, 2018 (fol. 59) u verbali tas-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2018). F'dan l-isfond il-Qorti tqis illi l-attriċi, rinfaċċjata bil-kontestazzjoni tal-konvenuti u l-prova li insistew li titressaq fir-rigward, ma ssodisfatx l-oneru inkombenti fuqha biex tipprova fil-grad li trid il-liġi li l-ispejjeż minnha reklamati permezz tar-riċevuti esebiti, kienu meħtieġa għall-kura tagħha b'rabta mal-ksur li ġarrbet fl-inċident.*

*Dan l-oneru l-Qorti tqis li l-atturi ssodisfawh limitatament kwantu s-somma totali ta'* ***sitt mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€648.77)*** *rappreżentanti l-ispejjeż tal-konsultazzjonijiet li l-attriċi kien ikollha fl-Isptar Saint James mal-konsulent kirurgu Mr Jason Zammit (fn. 19 Dok. CM16 u CM17 kwantu għal żewġ riċevuti ta' €61 kull waħda, Dok. CM47 kwantu għal żewġ riċevuti ta' €61 kull waħda. Ara wkoll fol. 52), l-ispejjeż tar-rapport tal-istess konsulent Mr. Jason Zammit (€240), ir-riċevuta Dok. CM12 (fn. 20 ittra legali: €50), u l-ispejjeż tax-xiri tal-mediċini f'Diċembru 2015 (fn. 21 fol. 9 €73.03; Dok. CM11 - €12.00; Dok. CM15, fol. 16: €2.85 u €5.16; Dok. CM16: €21.73).*

*Iżda l-atturi ma ssodisfawx dan l-oneru kwantu għar-riċevuti għall-konsultazzjoni fl-Isptar Da Vinci. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa minnu li l-attriċi xehdet li kienet tmur għal konsultazzjonijiet f'dan l-Isptar, baqgħet qatt ma fissret għal liema skop kienu jinżammu dawn il-konsultazzjonijiet u ma' liema tabib,* multo magis *meta mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet tikkonsulta ma' Mr. Jason Zammit fl-Isptar Saint James Capua.*

*Kwantu għar-riċevuti l-oħrajn li ġew esebiti, il-Qorti tosserva li ma fihom l-ebda deskrizzjoni ta' mediċina li jidher li għandha xi rabta mal-lanjanzi mediċi naxxenti mill-inċident, u wħud minnhom inħarġu fir-rigward ta' xiri ta' oġġetti li mhumiex identifikati u wkoll mediċina li ma ntweriex għal liema skop kien meħtieġ. Hemm ukoll riċevuti li nħarġu f'isem l-attur Noel Micallef: madanakollu, ma jirriżultax illi l-attur ġarrab xi ġrieħi jew kellu bżonn xi kura medika bħala konsegwenza tas-sinistru u f'kull każ, huwa ma xehedx biex jispjega l-konnessjoni bejn dawk ir-riċevuti u l-inċident fejn weġġgħet l-attriċi. Fil-fatt, għalkemm l-attriċi ġabet prova li skont ir-riċevuti maħruġa*

*mit-tobba li kkurawha hija kellha tieħu mediċina bl-isem Celebrex u Clexane, ma wrietx li fost ir-riċevuti esebiti, hija ħallset xi spejjeż għax-xiri ta' dawn il-mediċini partikolari.*

*Barra minn hekk, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova kwalsiasi tal-introjtu tagħha mix-xogħol ta'* housekeeper *li kienet twettaq qabel l-inċident u għalhekk, il-Qorti ma tħossx li tista' tillikwida xi telf attwali ta' introjtu u dan minkejja li l-attriċi xehdet illi ma setgħetx taħdem għall-perijodu ta' kważi sentejn wara l-inċident.*

*L-atturi xehdu wkoll illi minħabba li l-attriċi kienet immobbli għal diversi xhur wara l-inċident, huma kienu ingaġġaw lil ċertu Maria Azzopardi bħala* nurse *u biex tgħin fil-bżonnijiet tad-dar darbtejn fil-ġimgħa. Xehdu wkoll li kienu jħallsuha bejn €28 u €30 kull darba li kienet tiġi u damet madwar sena taħdem magħhom. Madanakollu, il-Qorti tosserva li l-atturi naqsu milli jipproduċi provi sodisfaċenti biex isostnu l-pretensjonijiet tagħhom dwar il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż: la ġie esebit xi rendikont tal-ħlasijiet allegatament magħmula fir-rigward u lanqas tressqet bħala xhud il-persuna in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi ġaladarba kien hemm kontestazzjoni speċifika da parti tal-konvenuti dwar il-pretensjoni għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, kien jispetta lill-atturi li jressqu prova ċara u konvinċenti liema prova iżda, ma nġabitx.*

- ***Lucrum Cessans***

*Fir-rigward tal-*lucrum cessans, *il-Qorti fehmet illi fid-data tal-inċident l-attriċi kellha erbgħa u erbgħin (44) sena (fn. 22 Dan jirriżulta wkoll mir-rapport ta' Mr. Jason Zammit – Dok. CM1, fol.3) u għalhekk, in linea mal-ġurisprudenza reċenti in materja tqis illi multiplier ta' 15 huwa indikat f'dan il-każ. Il-persentaġġ ta' diżabilità permanenti li wasal għalih il-konsulent kirurgu Mr. Jason Zammit ma ġiex kontestat, la mill-Kunsill konvenut u lanqas mill-Awtorità msejħa fil-kawża. Konsegwentement, wara li rat ix-xhieda tal-istess espert* ex parte *li kkonferma li l-attriċi għalkemm il-ksur f'sieqha fieq baqgħet issofri minn* malrotation *ta' 10% u wara li ma riskontrat ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mir-rata ta' diżabilità permanenti kif ġiet stabbilita mill-espert mediku* ex parte, *il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sodisfaċentement illi d-diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi hija ta' 7%. F'kull każ, il-fatt li l-attriċi reġgħet bdiet taħdem wara ftit taż-żmien, ma jaffettwax ir-rata ta' diżabilità permanenti li tibqa' li hi anke jekk terġa' tibda taħdem fuq bażi* full-time.

*Mill-provi jirriżulta wkoll illi fiż-żmien tal-inċident u fis-snin ta' qabel, l-attriċi kienet taħdem bħala* housekeeper *iżda kif rajna, ma ressqet l-ebda prova dwar l-introjtu tagħha u dan kwantu għal ebda perijodu ta' żmien. F'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi għall-fini tal-kalkolu tad-danni in linea lucrum cessans, l-introjtu perċepit mill-attriċi għandu jitqies li kien fl-ammont tal-paga minima nazzjonali li kienet fis-seħħ fis-sena*

*2015 (€8,645.52 gross) wara li jittieħed in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda fuq dan l-introjtu minħabba l-effett tal-inflazzjoni, proġettata fuq il-kumplament tal-ħajja lavorattiva tal-attriċi kif rifless fil-multiplier (fn. 23 Ara:* ***Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe,*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell, 19.05.2000).*

*Il-Qorti wara li rat ir-rata uffiċjali tal-inflazzjoni fis-snin ta' wara l-inċident, tqis illi għandha tiġi applikata l-medja tal-indiċi tal-inflazzjoni annwali skont in-National Statistics Office (NSO) f'dawn l-aħħar ħames snin minn meta seħħ l-inċident, għall-introjtu annwali fiż-żmien tal-inċident (€8,645.52) u dan għall-perijodu kollu tal-multiplier. Din ir-rata medja hija ta' 1.09% (fn. 24 Għas-sena 2015 ir-rata tal-inflazzjoni kienet 1.10%; għas-sena 2016 ir-rata kienet 0.64%; għas-sena 2017 ir-rata kienet 1.37%; ir-rata għas-sena 2018 kienet 1.16%; ir-rata għas-sena 2019 kienet 1.64% u għas-sena 2020 r-rata kienet 0.64% (sors: NSO website) u għalhekk, kalkolat fuq medja ta' ħmistax-il sena fuq paga annwali ta' €8.645.52, il-Qorti sejra taħdem fuq introjtu annwali medju ta' €10,059.06 (fn. 25 1.09% fuq €8,645.52 (€1.143.54) għal 15-il sena = €10,059.06).*

*Dan ifisser illi applikat introjtu annwali ta' €10,059.06, għal multiplier ta' 15 u abbażi ta' diżabilità permanenti ta' 7%, il-kumpens dovut lill-attriċi b'riżarċiment għad-diżabilità permanenti sofferta minnha jirriżulta li huwa ta' €10,562.01.*

*Rigward it-tnaqqis in linea ta'* lump sum deduction *minħabba l-fatt illi jkun għadda ċertu ammont ta' żmien bejn l-inċident u l-likwidazzjoni u aġġudikazzjoni tal-ħlas tad-danni, il-Qorti tqis illi peress li għaddew ftit iktar minn ħames snin mill-inċident, li sentejn minnhom huwa dovut għall-fatt li l-atturi intavolaw din l-azzjoni proprju sentejn wara l-inċident, għandu jkun hemm tnaqqis ta' 8% mis-somma ta' €10,562.01 bir-riżultat li s-somma li għandha tipperċepixxi l-attriċi permezz ta' din is-sentenza hija ta' €9,717.05.*

*Għaldaqstant, is-somma totali li qed tiġi likwidata in linea ta' kumpens dovut bħala riżultat tal-inċident li fih weġġgħet l-attriċi Carmen Micallef, sija kwantu damnum emergens u wkoll kwantu lucrum cessans, hija ta' għaxart elef tliet mija u ħamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€10,365.82) (fn. 26 €9,717.05 + €648.77 = €10,365.82).*

***<u>Decide</u>***

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti:-***

***1. Filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;***

***2. Tilqa' t-talbiet tal-atturi biss fil-konfront tal-konvenut nomine billi tiddikjara li l-istess konvenut nomine huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fl-inċident li seħħ fil-15 ta' Diċembru, 2015 li fih weġġgħet l-attriċi Carmen Micallef;***
***3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta' għaxart elef, tliet mija u ħamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€10,365.82);***
***4. Tikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallas lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati fis-somma ta' għaxart elef, tliet mija u ħamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€10,365.82), bl-imgħax mil-lum;***
***5. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn appena deċiż.***

***L-ispejjeż kif mitluba, inklużi dawk tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, jitħallsu mill-konvenut nomine."***

## L-Appell

15. Il-Kunsill konvenut ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u għalhekk interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-21 ta' April, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tħassar għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' April, 2021, u tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Kunsill appellant.

16. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex ma kellux jinstab responsabbli għall-allegat inċident, għaliex il-lok fejn seħħ l-inċident ma jaqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi. L-appellant qal li bħala regola ġenerali, postijiet pubbliċi jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Gvern Ċentrali, u minkejja li l-Kunsill Lokali huwa Gvern Lokali, dan huwa responsabbli biss fil-konfront ta' materji speċifiċi li jkunu ġew delegati lilu bil-liġi. Qal li fir-rigward tat-toroq, il-Kunsill Lokali huwa responsabbli għall-manutenzjoni ta' triq ladarba din tkun iffurmata mill-Gvern Ċentrali/mill-Awtorità tat-Trasport, sakemm din ma tkunx triq arterjali/distributorja, f'liema każ tibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità tat-Trasport. Il-Kunsill appellant spjega li l-art fejn

seħħ l-inċident ma kinitx tikkonsisti fi triq iffurmata, iżda hija art li sservi bħala sempliċi aċċess li nħoloq mill-iżviluppaturi tal-bini kostruwit f'dawk l-inħawi, sabiex ikunu jistgħu jgħaddu u jaħdmu bl-inġenji tagħhom. Ingħad li dan l-aċċess kien wieħed temporanju u ż-żona lanqas biss kienet proġettata bħala triq, iżda sa issa hija skedata mill-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi żviluppata bħala taraġ, hekk kif jirriżulta mill-korrispondenza skambjata u ppreżentata in atti. Qal li għalhekk il-Kunsill Lokali ma jistax jintalab jagħmel xogħol ta' manutenzjoni ta' dan l-aċċess meta ma ġiet iffurmata l-ebda triq, u hemm biss aċċess temporanju magħmul minn u għall-benefiċċju tal-iżviluppaturi privati. Qal ukoll li qatt ma kien kompitu tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw it-toroq, u l-obbligu tagħhom kien limitat biss għall-manutenzjoni tat-toroq iffurmati mill-Awtorità Ċentrali.

17. L-appellant għamel riferiment għall-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li tgħid li Triq Josef Calleja hija meqjusa bħala triq residenzjali, għaliex taqa' fil-kategorija ta' '*other urban'* u mhux fil-kategorija ta' triq arterjali, imma qal li din l-affermazzjoni tal-Ewwel Qorti hija fattwalment żbaljata, għaliex mill-provi jirriżulta li Triq Josef Calleja hija triq twila ħafna, u għalkemm parti minnha tassew hija triq normali u ffurmata, il-parti fejn seħħ l-inċident għadha mhijiex triq u fil-fatt kienet u għadha skedata bħala taraġ. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti qalet ukoll li ma taqbilx li l-art fejn seħħ l-inċident mhijiex triq iffurmata. Qal li mill-provi prodotti kellu jirriżulta li din l-part kienet u għadha skedata bħala taraġ u mhux triq, u fil-fatt mill-korrispondenza esebita għandu jirriżulta li kien hemm diskussjoni kontinwa dwar jekk iż-żona għandhiex tiġi żviluppata bħala triq jew inkella bħala taraġ. Ingħad ukoll li meta nfetaħ l-aċċess għall-konvenjenza tal-iżviluppaturi, kienet Transport Malta li tat saff konkos jew

siment fuq il-wiċċ u mhux il-Kunsill Lokali. L-appellant qal li meta jkun hemm żvilupp ġdid skont il-permessi tal-bini, is-sidien privati huma tenuti jħallsu għas-servizz tad-drenaġġ u għall-formazzjoni tat-triq, u wieħed għandu għalhekk jippresumi li l-istess seħħ f'dawn l-inħawi, u għalhekk huma l-awtoritajiet ċentrali li għandhom l-obbligu li jiffurmaw it-triq li jkunu tħallsu għaliha tramite l-permessi tal-bini maħruġa. Ingħad ukoll li f'każ li t-triq tibqa' ma tiġix iffurmata, ir-responsabbilità għandha tibqa' fuq il-Gvern Ċentrali jew l-Awtorità konċernata.

18. L-appellant qal ukoll li apparti dan kollu, mhux talli fl-art fejn seħħ l-inċident mhux ser tiġi ffurmata triq u mhux ser isir l-ebda taraġ, talli jirriżultalu li żviluppaturi privati ser ikomplu jiżviluppaw l-aċċess *de quo* in vista tal-fatt li din l-art hija proprjetà privata. Żied jgħid li dan ifisser li l-aċċess fejn seħħ l-inċident la jappartjeni lill-Gvern Ċentrali u lanqas lill-Kunsill Lokali, iżda kien u għadu jappartjeni lill-privat, u għalhekk din l-art ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill appellant. F'dan ir-rigward l-appellant talab l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex ikun jista' jressaq provi ġodda li jikkonsistu f'dokumenti maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn jirriżulta li l-istess Awtorità approvat żvilupp fuq is-sit in kwistjoni minn żviluppatur privat, u fil-fatt inħareġ anki permess ta' bini favur individwu privat. Għalhekk il-Kunsill appellant talab lil din il-Qorti tawtorizzah iressaq dawn il-provi ġodda, li ser ikollhom impatt sostanzjali fuq id-difiża tiegħu dwar in-nuqqas ta' responsabbilità tiegħu għall-akkadut.

**Ir-Risposti tal-Appell**

19. L-appellata Awtorità għat-Trasport f'Malta, fir-risposta tagħha wieġbet li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħha u lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, u żiedet tgħid li minkejja li l-appell idur fuq il-mertu tal-każ, jiġifieri fuq il-kwistjoni ta' min huwa responsabbli ghall-art fejn seħħ l-inċident, l-aggravji jduru fuq raġunijiet jew argumenti li tressqu diġà quddiem l-Ewwel Qorti, u li ġew miċħuda minnha.

20. L-Awtorità appellata qalet li ngħataw diversi sentenzi li jgħidu li Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti li tkun semgħet il-provi mressqa quddiemha, sakemm ma jkunx sar żball grossolan tant li jimmerita tibdil fis-sentenza, li ċertament li mhux il-każ hawnhekk. L-Awtorità appellata żiedet tgħid li l-Kunsill appellant jikkontradixxi lilu nnifsu diversi drabi meta fir-rikors tal-appell jagħti x'jifhem li r-responsabbilità tal-inċident għandha taqa' fuq il-Gvern Ċentrali, iżda fl-istess nifs jargumenta li l-Kunsill Lokali huwa biss responsabbli fil-konfront ta' dik il-materja speċifika li tkun ġiet delegata lilu fil-liġi. L-appellata qalet li l-Kunsill Lokali, bħala korp statutorju/gvern lokali, għandu personalità legali distinta bis-setgħa li jagħmel kuntratti, li jħarrek u li jkun imħarrek, u li jagħmel kull ħaġa oħra u jidħol f'dawk it-tranżazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju u għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, kif jgħid l-artikolu 3(2) tal-Kap. 363. Qalet li dan ifisser li l-Kunsilli Lokali mhumiex parti integrali mill-Gvern Ċentrali, u għandhom personalità distinta li permezz tagħha jiddistakkaw ruħhom mill-Gvern Ċentrali u b'hekk jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' Kunsilli Lokali u mhux bħala parti integrali mill-Gvern Ċentrali. L-Awtorità appellata sostniet ukoll li jista' jagħti l-

każ fejn per eżempju Kunsill Lokali partikolari jaġixxi u jiftaħ proċeduri legali kontra Kunsill Lokali ieħor, u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li l-Kunsilli Lokali huma xi forma ta' estensjoni tal-Gvern Ċentrali.

21. L-Awtorità appellata qalet li l-appellant jikkontradixxi lilu nnifsu wkoll meta jsostni li bħala Kunsill Lokali għandu r-responsabbilità li jagħmel il-manutenzjoni ta' toroq iffurmati, sakemm ma jkunux toroq arterjali jew distributorji, iżda fl-istess nifs jirrifjuta li jassumi responsabbilità għal dan l-inċident meta ġie ppruvat li t-triq in kwistjoni kienet iffurmata minn terzi li lanqas biss huma parti mill-kawża. L-Awtorità appellata qalet li mix-xhieda mogħtija minn Oliver Magro, għandu jirriżulta li kien hemm kawża kontra tagħha intavolata minn ċertu Leonard Attard bħala żviluppatur, liema kawża ġiet mitlufa minn Attard għaliex irriżulta li bħala żvilupatur kien hu li kellu l-obbligu li jifforma t-triq. Qalet li ladarba ġiet ippreżentata dokumentazzjoni li tirreferi għal dan il-permess, u ingħatat sentenza li tikkonferma l-obbligu tal-iżviluppatur li jifforma t-triq, il-Kunsill appellant kellu jagħżel jekk kienx kompitu tat-terz li mhux parti mill-kawża li jifforma t-triq, jew inkella kienx il-każ li t-triq qatt ma ġiet żviluppata għaliex isservi biss bħala aċċess li nħoloq mill-iżviluppaturi tal-bini li sar f'dawk l-akkwati. Żiedet tgħid li irrispettivament mill-pożizzjoni li ħa l-Kunsill appellant, jibqa' l-fatt li l-Awtorità m'għandha tassumi l-ebda responsabbilità għall-akkadut f'din it-triq, għaliex l-obbligu tal-formazzjoni tat-triq kien ta' terzi, u allura l-manutenzjoni tagħha taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali in kwistjoni, kif ukoll għaliex it-triq la hija waħda distributorja u lanqas arterjali, u għalhekk ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità appellata.

22. L-Awtorità appellata qalet ukoll li mhuwiex minnu li l-art fejn seħħ l-inċident ma kinitx triq iffurmata, iżda sempliċi aċċess li nħoloq mill-iżviluppaturi, u dan għaliex mid-dokumentazzjoni esebita għandu jirriżulta li Leonard Attard kellu obbligu li jiftaħ it-triq kif fil-fatt sar, u kien Attard stess li ntavola proċeduri kontra l-Awtorità appellata, liema proċeduri huwa tilef, għaliex irriżulta li huwa kellu l-obbligu legali li jifforma tali triq.

23. L-Awtorità appellata qalet li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-Kunsill Lokali huwa responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq, u f'dan ir-rigward l-appellant jipprova jagħti tliet xenarji differenti – u ċioé (i) li t-triq mhijiex iffurmata għaliex hija skedata bħala taraġ, (ii) li l-post tal-inċident mhuwiex triq imma sempliċi aċċess li ħolqu l-iżviluppaturi fl-inħawi, u (iii) li parti mit-triq hija ffurmata, u fil-post fejn seħħ l-inċident hemm sifja konkos jew siment fuq il-wiċċ, u dan ikompli jikkonferma li t-triq verament ġiet iffurmata. L-Awtorità appellata irrilevat li flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, il-Kunsill appellant ppreżenta dokumentazzjoni bħala prova ġdida, qabel ma talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jagħmel dan, u kompliet tgħid li din id-dokumentazzjoni lilha tkompli teżoneraha mir-responsabbilità tagħha, għaliex dawn id-dokumenti huma l-prova li din l-art hija proprjetà privata, u għalhekk it-triq in kwistjoni għandha tiġi żviluppata minn persuni privati abbażi tal-permessi tal-bini tagħhom, ad esklużjoni tal-Awtorità appellata li m'għandhiex x'taqsam mal-ftuħ jew mal-iffurmar ta' triq privata.

24. L-appellati Carmen u Noel Micallef fir-risposta tagħhom qalu li l-kontestazzjoni tal-partijiet l-oħra fil-kawża, mhijiex jekk huma sofrewx danni, iżda dwar min huwa responsabbli għal dawn id-danni, jekk hux l-appellata

Transport Malta jew il-Kunsill Lokali appellant. L-appellati Micallef qalu li m'hemmx dubju li huma sofrew danni b'konsegwenza tal-inċident li seħħ, u dawn id-danni huma responsabbilità tal-Kunsill konvenut. Qalu li huma mhumiex responsabbli għat-triq in kwistjoni jew biex jassiguraw li t-triq hija waħda sigura u mingħajr periklu. L-appellati Micallef qalu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-triq in kwistjoni kienet ġiet iffurmata snin ilu, u kienet anki skemata mill-Awtorità tal-Ippjanar, bil-konsegwenza li hija meqjusa bħala triq pubblika. Qalu li jirriżulta wkoll li t-triq kien jonqosha biss li tiġi asfaltata u kien hemm anki korrispondenza bejn l-Kunsill appellant u l-Awtorità appellata biex isir dan, u għalhekk minflok il-partijiet l-oħra ħadu azzjoni, dawn qagħdu jitnikkru u jilletikaw dwar min għandu jieħu ħsieb din it-triq, u dwar min huwa responsabbli għad-danni sofferti. L-appellati qalu wkoll li mhuwiex minnu li l-art fejn seħħ l-inċident tifforma parti minn żvilupp privat ipproġettat, u d-dokumenti ppreżentati mill-Kunsill appellant juru li l-art fejn seħħ l-inċident hija skemata bħala triq. Qalu wkoll li l-permess miġjub bħala prova juri li s-sit in kwistjoni għandu faċċata fuq triq pubblika, u għalhekk jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill appellant, li min-naħa tiegħu naqas li jassigura li t-triq in kwistjoni hija mingħajr periklu.

25. Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2021, din il-Qorti ħatret lill-**Perit Elena Borg Costanzi** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju sabiex wara li taċċedi fuq is-sit mertu ta' dawn il-proceduri tistabbilixxi jekk l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħx f'dik il-parti tal-pjanta li tinsab esebita *a fol.* 14 tal-proċess, fejn huwa maħsub li jsir proġett ta' żvilupp minn terzi persuni, u tagħmel dan l-eżerċizzju wara li tisma' x-xhieda tal-appellati Micallef u tal-perit tal-Kunsill

appellant.[1] Permezz ta' nota tal-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentata fil-15 ta' Settembru, 2021[2], il-Qorti ġiet infurmata li waqt l-aċċess hija identifikat żewġ ħofor, u hemm bżonn li jsir *survey* tas-sit sabiex jiġi stabbilit jekk il-ħofor humiex fi *front garden* privat jew le. Dan wara li ġie rilevat li l-pjanta esebita mill-Kunsill appellant turi linji, taraġ u *front garden alignment* li fil-parti l-kbira tagħhom huma proposti u mhux eżistenti, u t-triq in kwistjoni għadha mhix imfassla skont il-pjanta, b'tali mod li kien diffiċli għall-Perit Tekniku Ġudizzjarju li tinterpreta l-pjanti fuq is-sit minħabba d-diżlivelli li hemm. Il-Qorti ħatret bħala *surveyor* lil Kevin Camilleri waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2021.[3]

26. Wara li tlesta dan is-*survey,* il-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentat u ħalfet ir-rapport tagħha fir-Reġistru ta' din il-Qorti.[4] Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju spjegat li għamlet superimpożizzjoni tal-pjanta mħejjija mis-*surveyor* fuq pjanta pubblika maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, minn fejn jirriżulta li l-ħofor mertu ta' dawn il-proċeduri jinsabu fiż-żona indikata bħala *front garden,* u għalhekk jappartjenu għal terzi persuni li mhumiex parti mill-kawża.

27. L-eskussjoni tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju saret waqt l-udjenza tad-29 ta' April, 2022[5], fejn qalet li l-informazzjoni dwar ta' min hija l-proprjetà li ġiet indikata bħala *front garden* ta' terzi, hija ma ħadithiex minn kuntratti pubbliċi iżda minn applikazzjoni li saret quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Qalet ukoll li l-parti tat-triq fejn hemm il-ħofor mhijiex dik il-parti tal-art fejn kellu jsir it-taraġ pubbliku, iżda hija *front garden* ta' terzi. Qalet ukoll m'hemm xejn fl-art li jindika

[1] Verbal tal-udjenza *a fol.* 36 tal-proċess.
[2] *A fol.* 41 tal-proċess.
[3] *A fol.* 42 tal-proċess.
[4] *A fol.* 51 tal-proċess.
[5] *A fol.* 74 tal-proċess.

li din hija proprjetà privata, u fil-fatt hija miftuħa għall-pubbliku u kulħadd jista' jgħaddi minnha faċilment. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju qalet li fil-preżent it-'triq' in kwistjoni hija fi stat ħażin ħafna, u fil-wiċċ tagħha setgħet tara *remnants* ta' asfalt, siment u ħamrija. Il-Perit Elena Borg Costanzi ma setgħetx tikkonferma jekk it-triq kinitx infetħet temporanjament mill-iżviluppaturi fiż-żona.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

28. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-Kunsill appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet tal-appellati. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu, il-Kunsill appellant jinsisti li huwa ma kellux jinstab responsabbli għall-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni mill-Ewwel Qorti, għaliex huwa responsabbli biss fil-konfront tal-materja speċifika delegata lilu bil-liġi. Il-Kunsill appellant jsostni li huwa jidħol responsabbli għall-manutenzjoni ta' triq ladarba din tkun iffurmata mill-awtorità ċentrali, sakemm l-istess triq ma tkunx triq arterjali jew distributorja. L-Att dwar il-Kunsilli Lokali fil-fatt jispeċifika li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta' kull triq jew mogħdija li ma tkunx proprjetà privata, bl-esklużjoni ta' toroq arterjali jew distributorji, li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Gvern Ċentrali. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-parti tat-triq fejn seħħ l-akkadut la hi triq arterjali u lanqas hija triq distributorja. Fil-fatt il-Kunsill appellant isejjes id-difiża tiegħu fuq għadd ta' fatti li jirriżultaw mill-provi, jiġifieri li din l-art mhijiex skemata mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala triq, iżda bħala taraġ, u dwar dan hemm korrispondenza mal-awtoritajiet konċernati

għaliex il-Kunsill appellant u r-residenti fl-inħawi ma jaqblux li din il-parti tat-triq tiġi ffurmata bħala taraġ. Il-Kunsill appellant jgħid ukoll li din it-triq baqgħet mhux iffurmata għaliex ġiet żviluppata mis-sidien tar-residenzi fl-inħawi sabiex dawn ikollhom aċċess komdu għar-residenzi u għall-inġenji tagħhom meta kienu għadhom qegħdin jaħdmu fuq il-kostruzzjoni tal-proprjetajiet tagħhom, u għalhekk il-Kunsill appellant m'għandux jinżamm responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni ta' din l-art, għaliex l-art ma tistax titqies li ġiet iffurmata bħala 'triq'. Però quddiem din il-Qorti, ġie allegat mill-Kunsill appellant, u f'dan ir-rigward ingħatat raġun l-Awtorità appellata, li l-art li fuqha seħħ l-inċident tifforma parti minn art privata, u għalhekk il-Kunsill appellant qiegħed jinsisti li din ma taqax taħt ir-responsabbilità tiegħu minkejja li din hija triq miftuħa u tintuża mill-pubbliku.

29. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-art fejn seħħ l-inċident taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill appellant, wara li qieset li t-triq in kwistjoni la hija triq arterjali u lanqas m'hija triq distributorja, iżda hija triq residenzjali b'aċċess miftuħ għall-pubbliku b'mod ġenerali. L-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-artikolu 33 tal-Kap. 363, li jgħid li l-Kunsill appellant huwa responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni ta' kull triq jew mogħdija li ma tkunx proprjetà privata, u imxiet fuq il-premessa li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hija triq żviluppata u ffurmata, anki jekk mingħajr wiċċ tal-asfalt. L-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda provvediment għall-eventwalità li l-art li fuqha seħħ l-inċident tista' tkun art privata, għaliex quddiem dik il-Qorti ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Iżda mhux l-istess jista' jingħad minn din il-Qorti, li ħatret Perit Tekniku Ġudizzjarju u *surveyor* sabiex jagħmlu l-istħarriġ

tagħhom fuq is-sit, u wara eżerċizzju tekniku kkonkludew li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident fil-fatt hija art privata.

30. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li art privata ma tiġix asfaltata mill-awtoritajiet governattivi u lanqas ma jiġu mgħoddija s-servizzi minnha, filwaqt li s-sidien normalment ma jintalbux iħallsu l-kontribuzzjoni tat-triq. F'dan il-każ ġie ppruvat li l-aċċess tal-pubbliku minn fuq din l-art m'huwa mxekkel bl-ebda mod, u dan ifisser għalhekk li t-triq saret waħda ta' użu pubbliku, u fuqha hemm dak li jista' jitqies li huwa servitù ta' transitu, anki jekk l-art baqgħet waħda 'privata'. Għalhekk id-diffikultà li trid tiġi indirizzata hija jekk il-Kunsill appellant kellux xi forma ta' responsabbilità x'iġorr fir-rigward tal-manutenzjoni ta' din il-parti tat-triq, li kellha tiġi ffurmata mis-sidien privati, kif saħqet kemm l-Awtorità appellata sa mill-bidu tal-proċeduri bejn il-partijiet, u kif ġie stabbilit bi provi tekniċi mill-esperti maħtura minn din il-Qorti.

31. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti tqanqal punt dwar jekk il-fatt li mis-*survey* li sar ġie stabbilit li din l-art taqa' fil-konfini ta' art privata, huwiex suffiċjenti biex din l-art titqies li hija art ta' sidien privati, meta ġie ppruvat li din l-art hija miftuħa u tintuża mill-pubbliku mingħajr xkiel ta' xejn. L-avukat difensur tar-rikorrenti saħaq li l-prova li qegħda tinġieb mill-Kunsill appellant hija waħda dgħajfa, għaliex ma ġew prodotti l-ebda kuntratti bħala prova tat-titolu fuq din l-art. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ sar eżerċizzju tekniku minn Perit Tekniku Ġudizzjarju maħtur minnha u minn *surveyor,* li għamlu l-istħarriġ tagħhom u użaw metodu teknikament aċċettabbli tas-superimpożizzjoni, sabiex jistabbilixxu jekk l-art fejn seħħ l-inċident taqax fil-konfini ta' art privata jew le. L-artikolu 33 tal-Kap. 363 jagħmilha ċara li l-obbligu tal-Kunsilli Lokali

għaż-żamma ta’ toroq u mogħdijiet fi stat ta’ manutenzjoni tajba, jestendi biss safejn dawn it-toroq u mogħdijiet ma jkunux proprjetajiet privati. Ladarba ġie stabbilit li l-art in kwistjoni hija art privata, il-Qorti sejra tiddeċiedi li l-Kunsill appellant ma jistax jinżamm responsabbli mill-manutenzjoni ta’ din il-parti tal-art, u għalhekk il-Qorti qegħda tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti fis-sens li qegħda tiddikjara li l-Kunsill Lokali appellant mhuwiex responsabbli mill-manutenzjoni ta’ dik il-parti tat-triq.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa’ l-appell tal-Kunsill appellant u tħassar is-sentenza appellata, u filwaqt li tilqa’ l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Kunsill appellant u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu, tiddikjara li l-Kunsill appellant mhuwiex responsabbli mill-manutenzjoni tal-art privata fejn seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri.**

**In vista tan-natura tal-każ, il-Qorti qegħda tiddeċiedi li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**